# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 95/2018 MH**

**Illum 15 ta' Frar, 2019**

**Cecil Herbert Jones (ID: 271458M)**

**vs.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur ta' Cecil Herbert Jones datat 26 ta' Settembru 2018,[1] fejn gie premess illi:

*"Illi fl-1 ta' Awissu 2017, ir-rikorrent Cecil Herbert Jones gie fizikament zgumbrat mir-residenza tieghu "Sacred Heart", 82, Triq Gorse, Birkirkara, mill-marixxalli tal-Qorti bl-assistenza tal-Pulizija, u dan in forza ta' sentenza li dwarha sallum hemm pendenti proceduri ta' ritrattazzjoni. Il-kawza ta' zgumbrament fl-ismijiet "Charles u Maria Dolores konjugi Grech vs. Cecil*

[1] Fol 1

*Herbert Jones" (Rikors Numru 1267/07 AF) bhalissa ghadha pendenti fi stadju ta' proceduri ta' ritrattazzjoni.*

*Illi r-rikorrent kien appella, izda b'sentenza tad-29 ta' April 2016 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell cahdet l-appell tieghu.*

*Illi r-rikorrentipprezenta Rikors Kostituzzjonali Numru* ***41/2017 SM*** *fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) billi t-tliet Imhallfin l-ewwel iddecidew l-appell civili, imbaghad iddecidew li ma titwaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza deciza kontra tieghu, imbaghad poggew biex jiddeciedu l-proceduri ta' ritrattazzjoni. L-esponent iqis li dan huwa antiguridiku.*

*Illi fit-2 ta' Marzu 2017, in forza tas-sentenza tad-29 ta' April 2016 u wara li giet michuda t-talba ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, il-konjugi Grech talbu l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament numru* ***360/2017****, liema mandat ma kienx jinhareg kieku d-drittijiet fondamentali tieghu gew rispettati.*

*Illi fil-proceduri ghall-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament numru 360/2017 gew ripetutament ivvjolati d-drittijiet tieghu, kif ser jigi muri.*

*Illi fil-proceduri konnessi mac-Cedola ta' depozitu numru* ***1278/17*** *gew ripetutament ivvjolati d-drittijiet tieghu, kif ser jigi muri.*

*Illi r-rikorrent ma giex notifikat skont il-ligi f'diversi stadji tal-proceduri.*

*Illi, wara rikors maghmul minn sid il-kera li ma giex notifikat lill-esponent, il-Qorti, b'digriet moghti fid-29 ta' Awissu 2018 – li wkoll ma giex notifikat lil Cecil Herbert Jones wara li gie zgumbrat mid-dar – ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex il-mobbli li jinsabu fil-fond fejn saret l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament Nru 360/17 jigu depozitati l-Qorti taht l-awtorita` tieghu, minghajr il-htiega ta' konsenjatarju estranju, u dan ai termini tal-artikolu 948 tal-Kap. 12.*

*Illi din hija mizura minghajr precedent.*

*Mela, dan kollu qed isehh waqt li ghad hemm pendenti proceduri ta' ritrattazzjoni kontemplati fl-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi permezz tar-Rikors Kostituzzjonali odjern, ir-rikorrent qed iressaq lanjanzi wkoll fir-rigward tal-proceduri fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Numru 41/2017 SM kif ukoll fir-rigward tal-proceduri tar-ritrattazzjoni pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell:*

1) *It-talba ghall-hrug ta' mizura provvizorja sabiex il-jeddijiet tar-rikorrent ma jkomplux jigu vvjolati ghall-ewwel giet milqugha fil-bidu tal-proceduri, izda sussegwentement dina l-mizura provvizorja giet imnehhija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) wara indhil fil-proceduri konvenzjonali min-naha tal-Qorti tal-Appell li poggiet lill-Imhallef taht pressjoni kbira biex ibiddel id-decizjoni tieghu u jnehhi l-provvediment kawtelatorju gia` moghti minnu – kif fil-fatt ghamel - u dan minghajr ma kien hemm l-ebda talba jew ebda smigh;*

2) *Illi kull talba sussegwenti ghall-hrug ta' mizura provvizorja giet respinta mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) b'digrieti tal-1 ta' Awissu 2017, tas-16 ta' Ottubru 2017 u tal-10 ta' Jannar 2018, u r-rikorrent thalla minghajr ebda protezzjoni – u dan kemm qabel ma gie mahrug minn daru, kif ukoll waqt l-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament u wara li gie zgumbrat minn daru;*

3) *Illi l-Qorti tal-Appell interferiet indebitament u illegalment fil-proceduri tar-Rikors Kostituzzjonali Numru 41/2017 SM kif ser jigi muri, u dan permezz tal-provvediment moghti fit-3 ta' Lulju 2017, li bih talbet spjegazzjoni minghand il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede*

*Kostituzzjonali) dwar x'riedet tghid b'dak id-digriet li harget inizzjalment:*

> *"Rat id-digriet tat-13 ta' Gunju 2017 tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'dawk l-atti fuq ir-rikors promotur tal-gudizzju li bih dik il-Qorti laqghet provvizorjament it-tielet talba tar-rikors promotur li bih intalbet li "tordna t-twaqqif minnufih tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 li qed jilmenta dwarha r-rikorrent, okkorrendo permezz ta' mizuri provvizorji" u dan presumibbilment wara li dik il-Qorti kellha l-beneficcju tat-trattazzjoni bil-miktub jew orali dwar l-istess talba;*
>
> *Peress li din il-Qorti ma hijiex cara dwar is-sustanza tal-provvediment imsemmi ta' dik il-Qorti b'mod partikolari tal-impatt tal-mizura provvizorja li laqghet dik il-Qorti fuq il-kontinwazzjoni ta' dawn il-proceduri;*
>
> *Din il-Qorti tordna li kopja ta' dan il-verbal shih ta' din is-seduta jingieb a konjizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Silvio Meli fl-atti tal-proceduri kostituzzjonali fuq imsemmija sabiex l-effett tad-digriet fuq imsemmi fuq il-proceduri quddiem din il-Qorti jigi precizat.*
>
> *Din il-Qorti peress li ma hiex f'pozizzjoni li tipprocedi ghat-trattazzjoni qabel issir il-kjarifika fuq imsemmija, tiddifferixxi l-appell ghall-precizazzjoni fuq indikata u okkorrendo ghall-ftehim ta' data ghat-trattazzjoni mill-gdid b'dan li l-Qorti tawspika li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili taghmel il-precizazzjonijiet necessarji*

*kif fuq inghad qabel id-data tad-differiment ta' dan l-appell u cioe` qabel it-3 ta' Ottubru 2017."*

4) *Illi thares minn fejn thares, dan huwa precedent ikrah ta' indhil u interferenza minn qorti ta' gurisdizzjoni civili – il-Qorti tal-Appell – fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' qorti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali, b'mod specjali meta jitqies illi fil-proceduri kostituzzjonali numru 41/2017 SM ir-rikorrent qed jirritjeni li twettqet u qieghda titwettaq vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja mill-Qorti tal-Appell fil-konfront tieghu* <u>*qabel*</u> *is-seduta tat-3 ta' Lulju 2018.*

5) *Illi b'rizultat tal-interferenza xokkanti kontra l-ligi da parti tal-Qorti tal-Appell, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) ghamlet volte face daqstant iehor xokkanti, u d-digriet moghti fil-proceduri tar-Rikors Kostituzzjonali Numru 41/2017 fl-1 ta' Awissu 2017 inghata minghajr ma saret talba minn xi parti, minghajr ma nstema' r-rikorrent, minghajr ma saret ebda notifika lir-rikorrent dwar dak li kien mahsub li jsir – u dan jikkostitwixxi intralc u interferenza kontra l-ligi fl-amministrazzjoni retta tal-gustizzja u fil-proceduri kostituzzjonali istitwiti mir-rikorrent, u dan kemm min-naha tal-Qorti tal-Appell kif ukoll unilateralment mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)*

*Regghet rat id-digriet taghha datat 29 ta' Mejju 2017;*
*Stante li l-istess hu irritwali u irregolari, tordna li l-istess rikors [recte: digriet] jigi kancellat contrario imperio;*

6) *Illi l-Onorevoli Mhallef involut, biex jinghogob mal-Qorti tal-Appell minkejja r-rwol kostituzzjonali superjuri li huwa ghandu, ipprezenta fl-atti dina n-Nota:*

*Nota tal-Imhallef sottofirmat:*

*Ra n-nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali datata l-31 ta' Lulju, 2017, li permezz taghha ingieb a konjizzjoni tieghu l-verbal tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datat it-3 ta' Lulju, 2017;*

*Illi fir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:*

1. *Illi d-digriet datat 29 ta' Mejju 2017 (ara fol. 1 u 5) jirrizulta li kien dekretat minghajr ma nstemghu l-partijiet fir-rigward;*

2. *Illi di piu' jidher li dan kien wiehed kemm irritwali u irregolari, u f'dan l-istadju, straripanti l-limiti tal-azzjoni li gudikant jista' jippromuovi fir-rigward;*

3. *Illi konsegwentement l-istess digriet qed jigi respint u kkancellat contrario imperio stante li ma jsib l-ebda sostenn legali biex jigi sostenut.*

***Tant ghandu l-unur jissottometti lill-Onorabbli Qorti fuq riferita.***

7) *Illi l-indhil gie rez ferm aktar gravi ghaliex il-bdil unilaterali mill-Qorti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali* ***sehh fl-istess jum u wara li kienet effettivament inbdiet l-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament b'inkwiet kbir ghall-esponent.***

8) *Illi ghalxejn ir-rikorrent ipprotesta mad-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali u mad-Deputat Registratur tal-Imhallef li hareg id-digriet, id-digriet kompla fis-sehh.*

9) *Illi precedent ikrah iehor kien id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Lulju 2017 li bih il-Qorti ordnat li l-esekuzzjoni tal-mandat issir minkejja li kien hemm fis-sehh mizura temporaneja mahruga minn Qorti b'gurisdizzjoni Kostituzzjonali:*

> *Regghet rat ir-rikors tat-13 ta' Lulju 2017 ghas-sospensjoni ta' dawn il-proceduri ta' zgumbrament. Rat ir-risposta tal-kredituri ezekutant li opponew. Il-Qorti tqies li l-Ligi fl-artikolu relevant ghas-sospensjoni ta' esekuzzjoni ta' mandat tikkontempla dan biss fil-bejgh ta' subbasta (art 326 Kap 12) u f'kaz ta' ezekuzzjoni ta' kambjala ghar-ragunijiet moghtija fl-Artikolu 253(2)(e), ghalhekk it-talba hi irrita u r-rikorrenti ghandu jitlob rimedju li taghti l-Ligi senjatament dawk provduti fi proceduri ta' natura kostituzzjonali.*
>
> *L-ezekutant ghandu titolu esekuttiv li ma jistax jigi attakkat qabel l-ezekuzzjoni tieghu kemm-il darba jintalab ir-revoka u mhux il-kaz odjern.*

10) *Illi kemm meta nghata d-digriet tal-31 ta' Lulju 2017 kif ukoll fil-hin tal-bidu tal-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament, il-mizura provvizorja kienet ghadha fis-sehh. Ghalhekk, anke meta l-esponent gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-mizura provvizorja li kien hemm fis-sehh, l-Imhallef irrifjuta li jaghti widen ghall-mizura provvizorja mahruga mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) li kien hemm fis-sehh.*

*11) Illi l-esponent jistqarr illi dawn l-azzjonijiet kollha abbuzivi lilu ferewh u kkawzawlu hsara f'sahhtu.*

*12) Illi minkejja li, konformement mat-tezi tieghu li m'ghandux u ma kellux jigi zgumbrat mid-dar tieghu b'rizultat tal-mandat ta' zgumbrament mahrug abbuzivament waqt li hu kien ghadu qed jikkontesta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-esponent oggezzjona li jinhargulu l-mobbli mid-dar, fit-18 ta' Dicembru 2017, fl-atti tal-mandat presjedut mill-Imhallef Lawrence Mintoff gie ritenut illi d-difensur tieghu rringrazzja lill-Qorti talli kienet ser taghtih l-opportunita` biex johrog il-kontenut tad-dar barra mid-dar – haga li r-rikorrent u d-difensur tieghu jikkontestaw bil-qawwa kollha. Fil-fatt, ir-rikorrent ma ghamel l-ebda tentattiv biex ibattal hwejjgu mid-dar ta' residenza tieghu, u l-Qorti wettqet zball kbir.*

*13) Illi b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppermettiet lil Charles Grech jidhol fid-dar tar-rikorrent fl-assenza tieghu u minghajr l-ebda preavviz u jqalleb fost il-possedimenti tar-rikorrent u jdur mad-dar jiehu r-ritratti. Dan sehh fit-30 ta' Ottubru 2017. Barra minn hekk, Charles Grech u l-Marixxall nizzlu dak li suppost hu inventarju ta' mobbli u hwejjeg appartenenti lil Cecil Herbert Jones, u dan bi ksur tad-dritt ghall-privatezza tad-dar garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u bi ksur tad-dritt ghall-hajja privata garantit mill-Konvenzjoni Ewropeja. U dan meta l-proceduri ta' ritrattazzjoni ghadhom iridu jigu decizi.*

*14) Illi l-esponent jilmenta wkoll illi t-talba tieghu ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex Charles Grech jitwaqqaf milli jirtira c-*

*cavetta u jbattal id-dar mill-mobbli giet ukoll michuda permezz ta' provvediment moghti fid-29 ta' Awissu 2017(Rikors 1204/17 LM), liema provvediment qies it-talba tieghu "vessatorja".*

*15) Illi meta l-esponent sab ruhu bla dar, huwa kellu jirrikorri ghand l-Awtorita` tad-Djar biex tipprovdilu saqaf fuq rasu. Izda l-Awtorita` tad-Djar, minkejja li dan kien kaz ta' zgumbrament mill-Qorti, bil-provi, irrifutat li tilqa' t-talba tieghu biex jinghata saqaf fuq rasu, u qaltlu li ma kienx jikkwalifika. Anki minn dan il-lat, l-Istat naqsu u ghadu qieghed jonqsu serjament u l-esponent qed ikollu jiddependi ghall-ghajnuna tan-nies li jospitawh go darhom sabiex ma jhalluhx bla post fejn ighix.*

*16) Illi l-Qorti tal-Appell ghamlet diversi tentattivi biex titwaqqaflu l-Ghajnuna Legali, ibbazati fuq il-presunzjoni taghha illi l-esponent qed jabbuza mis-sistema tal-Ghajnuna Legali, u dan minkejja li l-esponent jinghata l-Assistenza Socjali (Ghajnuna ghall-Qaghad). Izda rrizulta li ma kien hemm l-ebda abbuz u li huwa tassew intitolat ghall-Ghajnuna Legali. B'danakollu, il-Prim Imhallef Silvio Camilleri rrifjuta li jara r-rapport imhejji minn Dr Mark Sant.*

*17) Illi barra minn hekk, il-Qorti li ddecidiet il-kawza fil-prim istanza skartat skrittura privata kontrofirmata mill-Avukat Dr Albert Grech, li rrilaxxja l-kopja dattilografata, dwar it-titolu ta' Cecil Herbert Jones li jabita fid-dar minnfejn hu gie zgumbrat mill-Qorti. Dik is-sentenza pingietu bhala 'squatter' u wara giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell.*

*18) Illi, barra minn hekk, l-espressjoni "stopped meter" ma nftehmitx korrettement mill-Qorti u tatha tifsira mod meta t-tifsira vera hija*

*hag'ohra – u cioe` hsara fil-meter! Inoltre, fl-istadji kollha tal-kawza civili, il-provi migjuba minnu qatt ma nghataw piz u, minflok, il-provi li ffabbrika Charles Grech, fosthom xiehda falza li ghaliha sar passibbli ta' proceduri kriminali, qatt ma gew mistharrga u, minflok, gew accettati.*

*19) Illi c-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropeja, li wkoll jipprovdi l-harsien mix-xorta ta' azzjonijiet mehuda kemm mill-Qorti kif ukoll mill-Awtorita` tad-Djar bhala istituzzjoni pubblika, f'Malta mhux qed jigi utilizzat bizzejjed. ["The analysis below is based on 70 court decisions from 27 EU Member States; for Malta, no relevant court decision was reported." – mehud minn "***EU Charter of Fundamental Rights and its use by Member States"***, pagna 38, pubblikat mill-Fundamental Rights Agency]. Ghalhekk, l-esponent ser jinvoka c-Charter of Fundamental Rights stante li l-azzjonijiet mehuda fir-rigward tieghu jistghu jigu indirizzati billi jigu invokati diversi normi li jinsabu fl-istess Charter of Fundamental Rights. L-Artikolu 34 (3) tac-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropeja jiggarantixxi d-**dritt ghal akkomodazzjoni socjali**.*

*20) Illi c-Charter of Fundamental Rights of the European Union huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja. Ghalhekk, ir-rifjut tal-Awtorita` tad-Djar li tipprovdi assistenza permezz ta' akkomodazzjoni xierqa lir-rikorrent jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 34 (3) tac-Charter.*

*Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jitlob umilment il-hrug immedjat ta' mizura provvizorja sabiex ma jigix esegwit id-digriet tad-29 ta' Awissu 2018 li bih sejrin jinhargu l-mobbli tieghu minn daru, almenu sakemm jinstemghu u jigu*

*decizi l-proceduri ta' ritrattazzjoni tal-kawza, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi huwa sofra diversi vjolazzjonijiet fil-proceduri gudizzjarji msemmija kif ukoll b'rizultat tal-agir tal-Awtorita` tad-Djar:*

1) *sofra diversi vjolazzjonijiet tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319) li jiggarantixxi d-dritt ghal smigh xieraq minn tribunal indipendenti, liema dritt huwa wkoll garantit taht it-Titolu 6 (Artikolu 47) tac-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropeja, u dan kemm fil-kawza civili kif ukoll fil-proceduri tal-mandat ta' zgumbrament;*

2) *sofra diversi vjolazzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxi d-dritt ghal hajja privata u ghal hajja tal-familja u tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

3) *sofra vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 dwar id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti;*

4) *sofra vjolazzjoni tas-subinciz (3) tal-Artikolu 34 tac-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropeja li jiggarantixxi d-dritt ghal akkomodazzjoni socjali, liema Charter ghandu l-istess status legali daqs kull Trattat li rratifikat Malta;*

*u konsegwentement –*

1) *tordna t-thassir tas-sentenzi li nghataw fil-proceduri gudizzjarji msemmija;*

*2) tordna t-thassir tal-mandat ta' zgumbrament fuq citat;*

*3) tordna li s-sitwazzjoni tigi ripristinata ghall-istatus quo ante ghal dawn il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu, u dan b'rispett ghall-principju ta' 'restitutio in integrum';*

*4) tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrent.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati."*

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali datata 1 ta' Ottubru 2018[2] fejn gie eccepiet illi:

1. *"Illi qabel xejn billi r-rikorrent qiegħed f'din il-kawża jitlob fost ħwejjeġ oħra t-tħassir ta' sentenzi u ta' mandati fejn kien hemm involuti Charles u Maria Dolores Grech, allura jinħass xieraq għall-għanijiet ta' integrità ta' ġudizzju li dawn ikunu parti f'din il-kawża wkoll. Minbarra dan, mill-perspettiva tal-***artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** *huwa fl-interess tar-rikorrent stess li jdaħħal lill-miżżewġin Grech f'din il-kawża jekk huwa jrid li s-sentenza f'din il-kawża tiġi torbot u tgħodd għalihom ukoll;*

2. *Illi in limine litis jingħad ukoll li l-parti tal-ilment li jolqot l-***artikoli 34 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** *huwa inammissibbli u null skont l-***artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** *għaliex dan l-ilment ma nġiebx b'rikors ġuramentat iżda nġieb b'rikors mhux maħluf. Tassew ma jidhirx li huwa ritwalment korrett li*

[2] Fol 12

*f'azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem mibdija taħt il-***Kostituzzjoni ta' Malta** *u tal-***Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** *jiddaħħlu kwistjonijiet u talbiet li m'għandhom x'jaqsmu mal-***Konvenzjoni Ewropea***. Dan jidher li huwa eskluż ukoll skont ir-***regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 (Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni;**

3. *Illi bla ħsara għal dak li għadu kemm ngħad, l-***ewwel talba** *tar-rikorrent safejn din hija mibnija fuq l-***artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** *u l-***artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, din hija għalkollox mingħajr bażi. Kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif ukoll il-Qorti tal-Appell huma organi ġudizzjarji li jissodisfaw il-kriterji tal-indipendenza mitluba fil-***Konvenzjoni Ewropea** *u fil-Karta* **tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***;*

4. *Illi biex wieħed iqis jekk qorti hijiex indipendenti jew le, wieħed irid iħares lejn il-mod ta' kif jinħatru l-membri tagħha, lejn iż-żmien tal-ħatra ta' dawn il-membri u lejn il-manjiera ta' kif dawn il-membri jistgħu jiġu mneħħija. Fil-każ tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u tal-Qorti tal-Appell, ma hemmx problema fejn jidħlu dawn it-tlitt aspetti. Minbarra dan, dawn iż-żewġ qrati għandhom is-setgħa li jaslu għad-deċiżjonijiet tagħhom fuq apprezzament awtonomu tal-fatti u tal-liġi. L-ebda waħda minn dawn il-qrati ma hija marbuta li toqgħod fuq l-opinjoni ta' xi awtorità oħra li mhijiex ġudizzjarja u d-deċiżjoni ta' kull waħda minn dawn il-Qrati hija magħmula biex torbot lil min huwa suġġett għaliha. Għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent li dawn il-Qrati mhumiex indipendenti hija barra minn lokha u għandha tiġi mwarrba;*

5. *Illi mbilli fil-*proċeduri *ċivili msemmija mir-*rikorrent *fir-*rikors *kostituzzjonali tiegħu, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-*Qorti *tal-*Appell *ma qablux mas-sottomissjonijiet li huwa ressaq quddiemhom ma jfissirx b'daqshekk li allura dawn il-*qrati *mhumiex indipendenti. L-indipendenza tal-qorti ma titkejjilx fuq jekk wieħed imurx tajjeb jew le fil-kawża. Dan għaliex fi proċeduri kontenzjużi fejn ikun hemm żewġ partijiet li qegħdin jitlewwmu bejniethom, ħafna mid-drabi dejjem ħa jkun hemm xi parti li ħa toħroġ telliefa;*

*Għalkemm wieħed jista' jifhem li l-*parti *telliefa ma tkunx kuntenta bl-eżitu tas-sentenza, madankollu ma jagħmilx sens li għax parti toħroġ telliefa, allura dan ifisser li l-Qorti ma kinitx ġusta jew ma kinitx* indipendenti. *Tassew l-element tal-*indipendenza *ta' Qorti ma jiġix nieqes għaliex dik il-Qorti tkun qatgħet kawża kontra individwu jew għax tkun tat xi provvediment li ma jkunx niżel tajjeb ma' dak l-*individwu. *Li kieku kien hekk l-ebda qorti f'din id-dinja ma tista' titqies li hija indipendenti għax tajjeb jew ħażin qorti dejjem ħa tieħu deċiżjoni li ma tmurx tajjeb għal xi ħadd;*

6. *Illi lilhinn minn dan kollu, jekk wieħed kellu joqgħod jagħrbel il-ġrajjiet u* s-sitwazzjonijiet kollha li r-rikorrent isemmi *fir-*rikors *tiegħu biex iseddaq* il-*fehma tiegħu li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-*Qorti *tal-*Appell *ma* kinux indipendenti *jew ġusti fil-konfront tiegħu, wieħed minnufih isib li* dawn *l-ilmenti huma għalkollox inġusti u wħud minnhom saħansitra ma jgħidux is-*sewwa. *Anzi l-*esponent *ikollu jgħid li kien jaħbat aħjar lir-rikorrent li juża kliem aktar meqjus fir-*rikors kostituzzjonali *għaliex l-għażla ta' ċertu espressjonijiet mir-*rikorrent *tabilħaqq jonqsu fir-*rispett

*lejn l-awtorità tal-qrati tagħna u jtappnu b'mod mhux mistħoqq l-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'pajjiżna;*

7. *Illi dwar l-ewwel ċirkostanza ta' vjolazzjoni msemmija mir-rikorrent, ma hu minnu xejn li l-Qorti tal-Appell indaħlet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) biex tbiddel il-provvediment tagħha tad-29 ta' Mejju 2017*[3]*. Jekk wieħed jaqra sew il-verbal tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Lulju 2017, riprodott fit-tielet paragrafu tar-rikors kostituzzjonali wieħed minnufih jista' jintebaħ li kulma talbet il-Qorti tal-Appell huwa li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tippreċiża eżatt l-effetti tal-provvediment tagħha fuq il-proċeduri ta' ritrattazzjoni;*

*Din it-talba tal-Qorti tal-Appell ma saritx mingħajr raġuni għaliex bid-dikriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kulma qalet huwa li hija kienet qegħda proviżorjament tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent, li kienet taqra hekk: "Tordna t-twaqqif minnufih tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 li qed jilmenta dwarha r-rikorrent, okkorrendo permezz ta' miżuri provviżorji". Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ma fissritx x'miżuri proviżorji kienet qegħda toħroġ f'dan ir-rigward;*

*Il-ħwejjeġ kienu jikkumplikaw aktar ruħhom għaliex bid-dikriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ma kinitx laqgħet lanqas b'mod proviżorju r-raba' talba*

[3] Bi żball fil-verbal tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Lulju 2017, il-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ġie datat 13 ta' Ġunju 2017, madankollu dan kellu jaqra 29 ta' Mejju 2017. Dan qed jingħad għaliex huwa fid-29 ta' Mejju 2017 li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) laqgħet il-miżura temporanja u mhux fit-13 ta' Ġunju 2017. F'din l-aħħar data, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet ħarġet dikriet biex il-partijiet jiġu notifikati bir-rikors ta' Charles u Maria Dolores Grech biex jitħallew jintervjenu fil-kawża kostituzzjonali. Għalhekk huwa ċar li l-Qorti tal-Appell kienet qed tirreferi għad-dikriet tad-29 ta' Mejju 2017 u mhux għal dak tat-13 ta' Ġunju 2017.

*tar-rikorrent li kienet taqra hekk: "tagħti r-rimedji xierqa 'ad interim', inkluż it-twaqqif tal-mandat ta' żgumbrament numru 360/2017 li nħareġ u qed jistrieħ fuq deċiżjonijiet li jivvjolaw id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq". Għalhekk kien hemm diffikultajiet u mistoqsijiet kbar dwar x'effettivament kienet qed tfisser il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) meta b'mod proviżorju laqgħet it-tielet talba tar-rikorrent peress li hija ma laqgħetx ukoll ir-raba' talba tar-rikorrent;*

*Fi kliem ieħor, ir-rikorrent ma jistax ilum lill-Qorti tal-Appell talli fil-verbal tagħha tat-3 ta' Lulju 2017 talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tippreċiża l-effetti tal-provvediment tagħha vis-à-vis il-proċeduri ta' ritrattazzjoni li kienu qegħdin jinstemgħu mill-Qorti tal-Appell. Wieħed ma jridx jinsa li l-proċeduri kostituzzjonali li kien qegħdin jinstemgħu mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienu sewwawsew qegħdin jattakkaw il-mod ta' kif kienu qegħdin jitmexxew il-proċeduri ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell. Jiġi b'hekk li l-Qorti tal-Appell kellha interess leġittimu li tkun taf x'kienu l-implikazzjonijiet tal-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);*

8. *Illi żgur u mhux forsi m'hemm xejn illegali jew indebitu li jkun hemm koordinazzjoni bejn żewġ qrati differenti dwar kawżi separati li jkollhom impatt fuq xulxin. Kontra dak li jgħid ir-rikorrent, il-koordinazzjoni bejn qrati differenti mhux talli huwa preċedent ikrah iżda talli huwa sewwasew il-mod xieraq ta' kif l-affarijiet għandhom jimxu ħalli b'hekk il-ġustizzja tiġi amministrata kif imiss;*

9. *Illi dwar it-<u>tieni ċirkostanza</u> msemmija mir-rikorrent, ma sar xejn 'xokkanti' għaliex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) irrevokat contrario imperio d-dikriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2017. Dik il-Qorti kellha kull jedd skont il-liġi li tbiddel il-fehma oriġinali tagħha għaliex kif trid il-liġi stess fl-***artikolu 230 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta***, dikriet ma jorbotx lil dik il-Qorti li tkun tagħtu jekk jirriżultawlha ċirkostanzi xierqa biex titbiegħed mill-ewwel fehma tagħha. F'dak il-każ il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet siewja li tħassar id-dikriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2017 għaliex hija ħarġitu mingħajr ma kienet laħqet semgħet dak li kellhom xi jgħidu l-kontro-parti tar-rikorrent. Dik il-Qorti ntebħet li hija ħarġet dak id-dikriet b'mod irregolari għaliex ħarġitu qabel ma mqar semgħet x'kellha xi tgħid il-parti avversarja;*

*Għalhekk dak id-dikriet tħassar mhux biex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) 'togħġob lill-Qorti tal-Appell", kif ir-rikorrent b'mod xejn dekoruż jikteb fir-rikors kostituzzjonali tiegħu, iżda biex timxi kif suppost. Li wieħed jintebaħ u jindem mill-iżball li jkun wettaq huwa preġju u mhux difett;*

10. *Illi fuq kollox ir-rikorrent ma ġiex ippreġudikat għaliex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ħassret contrario imperio d-dikriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2017 għaliex huwa dejjem kellu d-dritt li jerġa' jirrepeti t-talba tiegħu għall-ħruġ tar-rimedju proviżorju. Huwa minnu li din it-talba, meta reġgħet saret, ġiet miċħuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) wara li din id-darba mxiet fuq il-prinċipju tal-audi alterem partem u mhux dak tal-audi unam partem, imma b'daqshekk dan ma jfissirx li r-rikorrent safa' vittma ta' inġustizzja*

*għaliex il-Qorti din id-darba ħasbitha mod ieħor. Ifisser biss li bil-kontra t-talba tiegħu ma kellhiex tintlaqa' mill-ewwel;*

*Taħt dan il-profil ma huwa minnu xejn dak li jgħid ir-rikorrent li kien hemm intralċ u interferenza kontra l-liġi fl-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja. L-esponent aktar jaħseb li r-rikorrent qiegħed jipprova jagħmel minn kollox biex jipprova jsib ix-xagħra fl-għaġina biex akkost ta' kollox ma joqgħodx għas-sentenzi u d-deċiżjonijiet tal-qrati li ngħataw kontrih;*

11. *Illi dwar it-<u>tielet ċirkostanza</u>, ir-rikorrent ma jgħidx sew li huwa ġarrab preġudizzju għaliex id-dikriet tad-29 ta' Mejju 2017 ġie mħassar dakinhar li nbeda l-proċess tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament. Ir-rikorrent lanqas ma jgħid il-verità, li meta tnediet l-eżekuzzjoni tal-iżgumbrament, kien hemm fis-seħħ miżura proviżorja biex il-mandat ta' żgumbrament ma jissoktax. Lilhinn mill-fatt li kull provvediment ad interim mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-proċeduri 41/2017 ma seta' qatt jolqot il-mandat mitlub minn Charles u Maria Dolores Grech għaliex dawn il-persuni ma kinux intimati fil-proċeduri kostituzzjonali, ta' min iżid jgħid ukoll li dak li jidher li qed jaħrab lir-rikorrent huwa li bid-dikriet tad-29 ta' Mejju 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ma kinitx laqgħet ir-raba' t-talba tiegħu biex il-mandat ta' żgumbrament jiġi sospiż sakemm jintemmu l-proċeduri kostituzzjonali. Ifisser dan li ma kien hemm qatt fis-seħħ xi miżura proviżorja li kienet tolqot il-mandat ta' żgumbrament la qabel, la waqt u lanqas wara l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament;*

*F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk il-kliem, 'dawn l-azzjonijiet kollha abbużivi lilu ferewh u kkawżalu ħsara f'saħħtu', użati mir-rikorrent fir-*

*rikors kostituzzjonali tiegħu huma kollha fiergħa jekk mhux ukoll qarrieqa għax huma maħsuba biex jiġbdu s-simpatija b'mod mhux xieraq;*

12. *Illi dwar ir-raba' ċirkostanza r-rikorrent ukoll mhux xieraq li jilmenta mill-fatt li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tiegħu biex huwa jħalli ħwejġu fid-dar "Sacred Heart", Triq Gorse, Birkirkara, sakemm jiġu magħluqa għalkollox il-proċeduri ta' ritrattazzjoni. Fil-każ tallum l-iżgumbrament u t-tneħħija tal-oġġetti mobbli tar-rikorrent qegħda ssir fuq is-saħħa ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell. Jiġifieri dak li qegħdin jagħmlu Charles u Maria Dolores Grech huwa mogħti lilhom bil-liġi sabiex ikunu jistgħu jwettqu dak li huma kisbu bħala jedd b'sentenza ta' qorti;*

*Il-proċeduri ta' ritrattazzjoni waħidhom mhumiex biżżejjed biex iwaqqfu jew jissospendu l-effetti tas-sentenza. Sewwasew fil-każ tallum, b'deċiżjoni meħuda fis-27 ta' Frar 2017, fl-ismijiet* ***Charles u Maria Dolores konjugi Grech vs. Cecil Herbert Jones (Rik. Nru. 347/16),*** *il-Qorti tal-Appell ma laqgħetx talba tar-rikorrent biex is-sentenza tad-29 t'April 2016 tiġi sospiża. Jiġi b'hekk li fil-liġi mhemm xejn xi jżomm lill-miżżewġin Grech milli jitolbu li s-sentenza tad-29 t'April 2016 tidħol fis-seħħ. Għalhekk ma hemm xejn ħażin fil-mod ta' kif il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili aġixxiet;*

13. *Illi fl-aħħarnett dwar il-ħames ċirkostanza, safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab imsejjes fuq il-fatt li l-Onorevoli Prim'Imħallef qajjem xi perplessità dwar il-benefiċċju tal-għajnuna legali mogħti lir-rikorrent, l-*

*esponent ikollu jistqarr li dan il-parti tal-ilment ma jinftehimx. Lilhemm minn dan però ma jidhirx li l-Onorevoli Prim'Imħallef kien żbaljat li jistaqsi għaliex f'ċertu kawżi r-rikorrent kien megħjun minn avukat tal-għajnuna legali, filwaqt li f'kawżi oħra kien megħjun minn avukat privat;*

*Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet kollha l-ewwel talba tar-rikorrent kif mibnija fuq l-***artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** *u l-***artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** *għandha titqies bħala mhux mistħoqqha;*

14. *Illi bla ħsara għall-premess għal dak li għandu x'jaqsam mal-ilment marbut mal-***artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta***, dan assolutament ma jistax jiġi milqugħ, peress li skont l-***artikolu 38(2)(d) tal-Kostituzzjoni***, dan il-jedd ma jistax jiġi invokat biex iwaqqa' jew iżomm l-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordnijiet ta' qrati. Barra minn hekk, skont l-***artikolu 38(2)(b) tal-Kostituzzjoni** *l-istess artikolu ma jistax jiġi mqanqal biex iżomm jew ixekkel id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra, f'dan il-każ il-jeddijiet ta' Charles u Maria Dolores Grech li jieħdu ġidhom lura mingħand persuni li qed iżommuh mingħajr jedd fil-liġi;*

15. *Illi dejjem bla ħsara għal dak li ngħad, dwar l-ilment marbut mal-***artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea***, jingħad li dan kien ikun ġustifikat li kieku r-rikorrent kellu l-jedd bil-liġi li jgħix ġewwa d-dar. Iżda ladarba l-qrati tagħna ddeċidew li r-rikorrent mgħandux jedd li jgħix hemm, allura kollu għalxejn li huwa jinvoka dan l-artikolu tal-Konvenzjoni. Huwa sintomatiku li persuna ma tistax titlob ħarsien tal-***artikolu 8** *fuq ġid li dik il-persuna ma jkollhiex dritt ta' abitazzjoni fuqu;*

16. *Illi barra dan, wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh li l-* ***artikolu 8*** *mhuwiex jedd assolut iżda huwa soġġett għall-eċċezzjoni msemmija fl-****artikolu 8(2)*** *li jagħti d-dritt lill-Qorti bħala awtorità pubblika li tindaħal f'dak il-jedd sabiex tipproteġi d-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. Mhuwiex ir-rikorrent biss li għandu drittijiet iżda anke s-sidien Charles u Maria Dolores Grech. Wara kollox persuna li mgħandhiex jedd skont il-liġi biex tokkupa dar ma tistax tinqeda bl-* ***artikolu 8*** *sabiex tilleġittima l-okkupazzjoni tagħha;*

*Għalhekk anke t-tieni talba tar-rikorrent ma jistħoqqilhiex illi tiġi milqugħa;*

17. *Illi dejjem bla preġudizzju, safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq l-* ***Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea****, dan ukoll ma jistax jintlaqa' għaliex biex possediment ikun jista' jiġi mħares, dan jeħtieġ li jkun wieħed leġittimu. Fil-każ tallum ir-rikorrent mgħandu l-ebda jedd ta' possediment legali fuq id-dar li tkeċċa minnha għaliex mgħandux dritt fil-liġi li jgħix fiha. Għalhekk ma hemm l-ebda possediment li jista' jiġi mħares taħt l-****Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;***

18. *Illi r-rikorrent lanqas ma jista' jinvoka l--****Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea*** *b'rabta mal-effetti mobbli li huwa ħalla fid-dar ta' Birkirkara. Dan għaliex fl-ewwel lok ħadd ma ħadlu dawn l-affarijiet u fit-tieni lok wieħed ma jridx jinsa li kien fid-dmir tar-rikorrent li jbattal ħwejġu mid-dar għaliex huwa ġie ordnat b'sentenzi*

*tal-Qorti biex huwa jitlaq minn hemm. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 t'April 2016 sallum, ir-rikorrent kellu żmien biżżejjed biex huwa jneħħi ħwejġu mid-dar. Mhux hekk biss, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2017 kienet tagħtu żmien ħmistax-il jum biex ibattal ħwejġu u huwa m'obdiex din l-ordni;*

*Issa jekk ir-rikorrent webbes rasu u baqa' ma ħax ħwejġu, huwa ma jistax ilum lis-sidien li jridu jneħħulu ħwejġu mill-ġid tagħhom. Fuq kollox imbagħad imbilli dawn il-ħwejjeġ sejrin jiġu traslokati f'imkien ieħor ma jfissirx li r-rikorrent ħa jitlifhom;*

*F'dan il-kuntest ir-rikorrent lanqas ma jista' jilmenta li huwa mhux qed igawdu ħwejġu għaliex huwa r-rikorrent stess li qed jażgħel li ma jiġborhomx lura, minkejja li huwa kellu żmien biżżejjed biex jeħodhom;*

19. *Illi lilhemm minn dan, l-esponent ma jarax li r-rikorrent sejjer iġarrab preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk ħwejġu jiġu traslokati f'post ieħor. Dan għaliex jekk b'xi mod ir-rikorrent jirnexxilu jwaqqa' l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li ordnat it-tkeċċija tiegħu mid-dar ta' Birkirkara u b'xi mod jiġi dikjarat li huwa għandu jedd tajjeb fil-liġi li jgħix f'dik id-dar, allura dak li jiġri huwa li ħwejġu jkunu jistgħu jerġgħu jmorru lura f'dik id-dar. Jekk imbagħad jiġri xi ħsara lil ħwejġu, huwa dejjem jista' jkollu r-rimedju ta' azzjoni għad-danni kontra minn għarraqlu ħwejġu;*

*F'dawn iċ-ċirkostanzi kollha għalhekk anke t-tielet talba tar-rikorrent ma jidhirx li ħaqqha tintlaqa';*

20. *Illi bla ħsara għal dak kollu li ngħad hawn fuq, safejn ir-rikorrent jilmenta minn ksur tal-***artikolu 34(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, jissokta jingħad li l-esponent Avukat Ġenerali ma jistax iwieġeb għall-għemil imwettaq mill-Awtorità tad-Djar. L-Avukat Ġenerali mgħandux ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Awtorità tad-Djar, b'dana li jekk huwa għandu ilment kontriha, huwa messu ressaq tali ilment kontra tagħha u mhux kontra min m'għandu x'jaqsem xejn mal-kwistjoni;*

21. *Illi tabilħaqq huwa inutli li fir-rikors kostituzzjonali tiegħu r-rikorrent iqanqal ilmenti dwar persuni legali li mhumiex f'din il-kawża;*

22. *Illi fuq kollox, l-esponent ma jemminx li l-Awtorità tad-Djar ċaħdet it-talba tiegħu għal akkomodazzjoni soċjali mingħajr raġuni. La l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx aċċettata, sinjal li l-Awtorità tad-Djar kellha r-raġunijiet tagħha biex tagħmel dan. Naturalment, jekk ir-rikorrent ma jabqilx ma' dik id-deċiżjoni amministrattiva allura huwa messu talab lill-qrati tagħna jistħarrġu s-siwi ta' dik id-deċiżjoni amministrattiva kif provdut fl-***artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** *u mhux iressaq kawża kostituzzjonali kontra l-Avukat Ġenerali li ma daħalx fl-applikazzjoni tiegħu;*

*Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet ir-raba' talba tar-rikorrent ma tista' tintlaqa' kontra l-esponent Avukat Ġenerali;*

23. *Illi l-esponent jagħlaq billi jisħaq li ladarba r-rikorrent ma ġarrab l-ebda vjolazzjoni tal-jeddijiet tiegħu, dan għandu jwassal lil din l-Onorabbli*

*Qorti biex tiċħad it-talbiet l-oħra kollha tar-rikorrent dwar ir-rimedju li huwa qed jipppretendi li jirċievi;*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu u peress li fil-fehma umli tal-esponent l-ilmenti mqanqla mir-rikorrenti huma ta' natura sempliċement frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex tapplika dak li hemm imniżżel fl-***artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni** *u fl-***artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta***."*

Rat-atti kollha tal-kawza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rigwardanti l-ewwel żewg eċċezzjonijiet.

Semgħet it-trattazzjonijiet.

Rat li l-kawza kienet imħollija għas-senetnza fuq dawn l-istess eċċezzjonijiet.

**Għalhekk din tal-lum hija sentenza preliminari trattando ta' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet mressqa mill-Avukat Generali.**

Pero qabel ma l-Qorti tgħaddi biex teżamina kull waħda minn dawn id-difiża mressqa għat-talba prinċipali ta' varji allegati ksur jinħtieg li wieħed jfakkar x' wassal għal dan ir-rikors in eżami.

Ir-rikorrenti Cecil Herbert Jones qiegħed bil-presenti rikors jikkontesta kemm s-sentenza li ordnat l-iżgumbrament tiegħu ukoll il-mandat per se ta' l-iżgumbrament innifsu fuq premessi su indikati. Ovvjament kemm is-sentenza minnu mpunjata ukoll il-proċeduri tal-mandat ta' żgumbrament saru minn sidien il-fond konċernat u ċioe Charles u Maria Dolores Grech; hija

speċifikatament il-presenza mixtieqa tagħhom, jew aħjar l-assenza tagħhom f'dawn il-proċeduri li wasslu lill-intimat Avukat Generali jressaq l-ewwel eċċezzzjoni tiegħu fuq in-nuqqas ta' integrita' tal-futur ġudizzju.

Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tiegħu taqra:-

24. *"''Illi qabel xejn billi r-rikorrenti qiegħed f'din il-kawża jitlob fost ħwejjeġ oħra t-tħassir ta' sentenzi u ta' mandati fejn kien hemm involuti Charles u Maria Dolores Grech, allura jinħass xieraq għall-għanijiet ta' integrità ta' ġudizzju li dawn ikunu parti f'din il-kawża wkoll. Minbarra dan, mill-perspettiva tal-**artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa fl-interess tar-rikorrent stess li jdaħħal lill-miżżewġin Grech f'din il-kawża jekk huwa jrid li s-sentenza f'din il-kawża tiġi torbot u tgħodd għalihom ukoll;*

Ovvjament ir-rikorrenti jopponi bis-saħħa din it-talba.

In soluzzjoni ta' din il-vertenza din il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza fl-ismijiet **Esther Borg vs L-Avukat Generali et**.[4]

*"L-insenjament tal-Qrati fir-rigward ta' eċċezzjonijiet simili f'kawżi tal-istess natura huwa ormai kristalizzati. Issir referenza fost oħrajn għall-każ **Josephine Azzopardi pro et noe et vs L-Onorevoli Prim Ministru et (Rik Kost 85/14) deċiż fit-28 ta' Settembru 2017** fejn ingħad hekk: -*

*"Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta` Frar 2016 fil-kawża **Rose Borg vs Avukat Ġenerali et**. Hemm kienet trattata eċċezzjoni simili.*
*Il-Qorti qalet hekk :-*

[4] P.A. Sede Kostituzzjonali 96/2016 deċiża 31.10.2018

*"Illi l-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom f`diversi okkażżjonijiet dwar il-leġittimita` passiva ta` persuni privati li jkunu ċċitati f`kawżi ta` indoli kostituzzjonali u konvenzjonali.*

*Fil-każ fl-ismijiet* **Joseph Abela v. Onor.Prim`Ministru et** *(Kost. 7 ta` Diċembru 1990) ġie ribadit li :*

*"F`kawżi ta` natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontraditturi ta` dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta` xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta` dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala` fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

*Iżda kif anke ġie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ* **Partit Nazzjonalista et v Kummissjoni Elettorali et***. (29 ta` Mejju 2015) "Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqisu illi jeskludu kategoriji oħra. "*

*Proprju f`każijiet li jikkonċernaw l-istess materja bħal dik in disamina, ad eżempju fil-kaz fl-ismijiet* **Raymond Cassar Torreggiani et. v AG et** *(22 ta` Frar 2013) iċċitat mir-rikorrenti, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:*

*"(11) ... biex ġudizzju jkun integru jeħtieg li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, jipparteċipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawża. B`hekk tiġi assigurata kemm jista` jkun l-effikaċita` tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss*

*lil dawk li jkunu parteċipi fih, kif ukoll jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm bżonn ta` ripetizzjoni ta` proċeduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawżi billi dawn ma jkunux ħadu parti f`ġudizzju wieħed. Il-ġudizzju jibqa` integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra tagħhom dak l-istess dritt jikkompeti (App.Civ.* ***Joseph Borg v. Francis Vassallo*** *[2000] Vol.LXXXIV.II.42;App.* ***C. Zahra De domenico v. Zahra Dedomenico*** *15.01.1992*

*- omissis-*

*" [13] Mill-premess għandu jirriżulta ċar li l-intimati konjugi Tabone, bħala inkwilini tal-fond de quo, u tenut kont tal-fatt li proprju l-inkwilinat tagħhom jifforma l-mertu tal-kawża odjerna, għandhom interess ġuridiku u għalhekk ikunu parteċipi fil-kawża li jista` jkollha effetti legali anke fuqhom."*

*Dan il-ħsieb ġie ripetut mill-istess Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet* ***Sam Bradshaw et v l-AG et.*** *(6 ta` Frar 2015):*

*"Din il-Qorti tosserva li, għalkemm taqbel mat-teżi li, ladarba l-każin aġixxa skont il-liġi, allura m`għandux legalment jirrispondi għall-inkostituzzjonalita` tal-liġi applikata minnu jew jeħel spejjeż tal-kawża, iżda mill-banda l-oħra, il-proċeduri odjerni necessarjament jaffetwaw lill-każin stante li dan hu parti fir-rapport ġuridiku li huwa regolat b`liġi li l-kostituzzjonalita` tagħha qed tiġi attakkata. Għaldaqstant il-preżenza tiegħu f`dawn il-proċeduri hija neċessarja għall-finijiet tal-integrita` tal-ġudizzju. Il-każin bħala inkwilin tal-fond għandu interess ġuridiku f`din il-kawża peress li l-meritu jikkonċerna lilu direttament. Għal din ir-raġuni huwa għandu jkun parteċipi fil-ġudizzju u għalhekk huwa leġittimi kuntradditturi." (ara wkoll* ***Cedric Mifsud nomine v Avukat Generali***

***et***. *-Q.K. 31 ta` Jannar 2014;* ***Perit Joseph Barbara v On. Prim`Ministru*** *- Q.K. 31 ta` Jannar 2014).*

*Fil-każ in eżami, l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett lejn iċ-ċaħda tad-dritt tagħha ta` użu u tgawdija tal-proprjeta` tagħha in kwantu li dan hu b`effett tal-artikolu 12(2)(b)(i) tal-Kap 158 u tal-liġijiet viġenti. Fost ir-rimedji mitluba hemm wkoll dak tal-iżgumbrament tal-intimat Carmel Gatt. Għalhekk filwaqt li taqbel li l-intimat m`għandux legalment jirrispondi għall-inkostituzzjonalita` tal-liġi imsemmija, jew anke li jeħel spejjeż tal-kawża, iżda mill-banda l-oħra, il-proċeduri odjerni neċessarjament jaffetwawh stante li dan hu parti fir-rapport ġuridiku li huwa regolat b`liġi li l-kostituzzjonalita v` tagħha qed tiġi attakkata. Għaldaqstant il-preżenza tiegħu f`dawn il-proċeduri hija neċessarja għall-finijiet tal-integrita` tal-ġudizzju. L-intimat bħala inkwilin tal-fond għandu interess ġuridiku f`din il-kawża peress li l-mertu jikkonċerna lilu direttament. Għal din ir-raġuni huwa għandu jkun parteċipi fil-ġudizzju u għalhekk huwa leġittimu kuntradittur."*

Dawn il-prinċipji jsibu faċli applikazzjonui għal każ in eżami. Il-konjuġi Grech fil-fatt istitwew il-kawża ta' żgumbrament[5] fil-konfront tar-rikorrenti mill-fond Sacred Heart, 82 Triq Gorse Birkirkara, liema kawża ġiet mirbuħa minnhom bil-konsegwenza li huma wasslu anke  permezz ta' mandat ta'żgumbrament biex jiżgumbraw lill-istess rikorrenti. Bil-presenti kawża issa jinpunjaw kemm is-sentenza ukoll il-mandat, għalhekk applikati il-prinċipji ġurisprudenzjali suriferiti din il-Qorti ma tistax tara kif nonostante li l-konjuġi Grech ma jirrispondux għal ebda ksur kostituzzjonali, konvenzjonali u dak maħsub taħt il-karta ta' l-Unjoni Ewropea,ic-Charter, li pero m'għandhomx il-leġittimita' passiva riferuta tenut kont tal-konsegwenzi li jista jkollhom fuqhom u fuq il-

[5]-rikorrent Rikors 1267/07 AF ġie stabbilit illi r-rikorrenti ma kellux titolu fuq il-projeta' de quo. Din il-kawza ġiet kemm appellata mir-rikorrenti, fejn ġiet anke mitlufa minnu ukoll saru proċeduri ta' ritrattazzjoni.

proċeduri minnhom istitwiti jekk il-ksur kostituzzjonali, konvenzjonali u dak maħsub taħt ic-Charter riferut jirrizulta.

**Konsegwentement din il-Qorti tilqa l-eċċezzjoni in eżami u tordna li a spejjeż ta' l-istess rikorrenti li jiġu kjamati n kawża il-konjuġi Grech biex anke huma jkunu parteċipanti f'dawn il-proċeduri u tiġi assigurta l-integrita' ta' dan il-ġudizzju.**

It-tieni eċċezzjoni li qegħda tiġi kkunsidrata taqra:-

